# TUMAS DINGLI
# (1591 - 1666)

Malli ssemmi l-isem ta' Tumas Dingli, l-aktar nies minn Ħ'Attard, kulħadd ikun jaf fuq min qed titkellem. "Mhux dak li bena l-knisja ta' Ħ'Attard", jgħidulek. Għandna triq imseemmija għalih, sew sew biswit il-knisja. Din is-sena nħoss li għandna niftakru daqxejn iżjed f'dan il-bniedem li ismu baqa' mfakkar anke malpopolin għax għadu kemm kellna l-330 anniversarju mill-mewt tiegħu. Fil-fatt, Tumas bin Ġakbu u Katerina Dingli, twieled Ħ'ttard fit-22 ta' Diċembru, 1591, meta ġie mgħammed mill-kappillan Leonard Micallef. Il-parrinu kien Manuel Cachia minn Ħ'Attard ukoll. (1)

Fuq it-tfulija ta' Tumas Dingli ġor-raħal ma nafu xejn. Nistgħu nobsru li la Ġakbu, missieru, kien "scarpellino" sa minn kmieni Tumas imrawwem fis-sengħa tal-ġebel. Mid-dehra, l-familja Dingli kienet imdaħħla sew fil-ħajja tal-parrroċċa. FL-1615, il-membri kollha tal-familja kienu mniżżlin fil-lista tal-konfraternita' tar-Rużarju. Tumas kien għad kellu 24 sena u kien Rettur tal-konfraternita' fil-waqt li missieru kien prokuratur.(2) Dan kien iż-żmien meta l-knisja parrokkjali kienet qed tinbena, iżda mid-dehra, Tumas Dingli baqa' devot tal-Madonna tar-Rużarju tul ħajtu kollha għax reġa' ġie maħtur Rettur ta' l-istess konfrateernita' fl-1634 (3) u fl-1653 (4) u ġieli kien prokuratur bħal fl-1621.

'Mastro Maesti' jew 'Mastro Masio' kif insibuh fid-dokumenti tal-knisja w fil-kuntratt li għamel matul ħajtu kien jaħdem ta' "scarpellino" bħal missieru. Għamel xogħol ta' tnaqqix fil-ġebel anke fil-knisja ta' Ħ'Attard. Dan jidher f'kuntratt li sar fl-1615 li fih jidher li Tumas Dingli u Ġanni Attard kien għad kellhom jieħdu 100 skud għax-xogħol tagħhom bħala "scarpellini". Peress li l-prokuraturi tal-knisja ma kellhomx flus biżżejjed biex iħallsuhom, tawhom "partiti bullati" sakemm tawhom il-flus. (5)

Mid-dokumenti, jidher li beda jissejjaħ "architetto", żmien wara. Dingli kien"clerico coniugato". Il-"clerici" kienu niex li kien ikollhom it-tonsura bħal qassisin għal kemm lajċi, u mill-lat lelegali kienu jaqaw taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti ta' l-Isqof. Dak iż-żmien kien hawn tlett qrati f'Malta: dik tal-kavallieri, dik ta'l-Isqof u dik ta' l-Inkwiżitur. Għalhekk, meta fl-1633 kellu xi jgħid ma ħatnu Lazzaro Dingli, u taħ daqqa ta' ħarta, l-Isqof Baldassere Caglieres ordna li jintbagħat il-ħabs. L-ewwel ħaduh fil-ħabs tal-Kastellanja u mbagħad fil-ħabs ta' l-Imdina. Qatta xi seba' xhur il-ħabs u talab il-każ tiegħu jittieħed Ruma. Irnexxielu joħroġ biss bis-saħħa ta' Dun Filippo Borġ, il-Kappillan magħruf bħala Borgia. Dan qabeż għal Tumas Dingli billi xehed li kellu bżonnu għall-bini tal-knisja ta' B'Kara (dik illum imsejħa "il-Qadima"). Għalhekk talab lill-Isqof biex jeħilsu. Dingli nħeles bil-kundizzjoni li wara x-xogħol kellu jibqa' sejjer id-dar mingħajr ma jieqaf imkien. Huwa f'din ix-xhieda miġbura f'kuntratt li Dun Filippo Borġ isejjaħ lil Dingli "architetto et disegnatore", mhux biss għall-knisja ta' B'Kara, iżda wkoll għas-sagristija tal-Katidral, il-knejjes parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, "Casel Gregorio", Porto Salvo u oħrajn.(6)



Il-KNISJA TA' H'ATTARD IPPJANTATA MINN TUMAS DINGLI

Il-qassis Damian Pisani, li kien minn Ħ'Attard u kien jaħdem fil-Qorti ta' l-Isqof kien dak li wassal lil Tumas Dingli u lil ħatnu Lażżru sal-ħabs. Dan ukoll xehed li Tumas kien jaqla' ħobżu bil-ħidma ta' "scarpellino et architetto" (7). Dawn iż-żewġ stqarrijiet juruna kemm xogħolu kien imfittex u li kien hu li kien jippjanta l-postijiet li kien jibni, u kien imfittex minn nies bħal Dun Filippo Borġ li kien wieħed mill-qassisin l-aktar magħrufa ta' żmienu. U ma setax jonqos li jkun imfittex. Il-knejjes li jingħad li bena hu huma tassew sbieħ bi proporzjonijiet arkitettoniċi eżatti u skultura fina. M'għandniex għalfejn immorru 'l bogħod, kemm inħarsu lejn il-knisja ta' Ħ'Attard u l-knisja l-Qadima ta' B'Kara.

Għalkemm kien għadu żgħir fl-eta' meta ħadem il-knisja ta' Ħ'Attard, jidher li diġa kien kiseb sew is-sengħa ta' "scarpellino", u din il-knisja dejjem tissemma bħala ġawhra ta' l-arkitettura Maltija. Ix-xogħol fuq xi bini tal-knisja kien jieħu snin sew. Fix-xhieda tiegħu Dun FIlippo Borġ jgħid, li kien għad kellu bżonn lil Dingli għall-bini tal-knisja ta' B'Kara "nin solamente per un anno o due, ma piu." (8) Ix-xogħol mhux biss kien jieħu fit-tul għax kollox kien isir bl-idejn, iżda wkoll għax ġieli, bħalma taw x'jifhmu fix-xhieda tagħhom Dun Damain Pisani u Dun Filippo Borġ, kien ikollu aktar minn biċċa xogħol waħda għaddejja fl-istess żmien. (9).

Fl-1633, meta Dingli kellu l-kwistjoni ma' ħatnu kien għadu kemm lesta l-altar għall-konfraternita' tar-Rużarju fil-knisja ta' Porto Salvo ġewwa l-Belt; kien qed jaħdem fuq il-knisja ta' B'Kara u ftit wara sar il-kuntratt għax-xogħol fis-sagristija tal-katidral ta' l-Imdina li mid-dehra ma kienx jinstab fi stat tajjeb, għax Dun Simon Pace, f'Marzu 1634 iddeskrivih bħala "... la piu misere malfatta di tutte le chiese Parrocchiali non dico della citta' ma anche dei Casali." (10)

Mhux ta' b'xejn, li meta fl-1649 il-patrjiet ta' Santu Wistin ir-Rabat, qabduh jirranġalhom il-kunvent, niżlulu fil-kuntratt li kellu jkun lest mix-xogħol sa' l-aħħar t'Ottubru. B'hekk, bħalma ngħidu llum, rabtuh biż-żmien. U -ħlas ta' 350 skud li kellu jieħu qassmuhomlu fi tlieta. L-aħħar parti tas-somma kellu jeħodha meta x-xogħol ikun lest. Fil-kuntratt għandna d-dettalji eżatti ta' liema ħitan kellu jitwaqqa', fejn kellu jagħmel is-soqfa u fejn kellu jibni kamra ġdida f'dan il-kunvent. L-għoli tas-saqaf tad-dormitorju per eżempju kellu jkun "d'altezza di palmi venti e mezzo." U milli jidher hawnhekk, Tumas Dingli kellu verament jagħmilha ta' arkitett biex wettaq it-tibdiliet meħtieġa f'dan il-bini. (11)

Veru li jidher li dan il-bniedem kien bieżel u kien ikollu xogħol mhux ħażin. Iżda ma kienx biss milli kien idaħħal mix-xogħol. Dun Filippo Borġ qal fix-xhieda tiegħu li "essendo lui padre di famiglia et che campa con il suo travagliio quotidiano". (12) Pero' kien jakkwista propjeta', l-aktar art u egħlieqi billi kien iħalla id-djun ta' ħaddieħor. Dan ġara per eżempju fl-1617 meta ħallas xi djun ta' missieru. (13) Il-kuntratti juruna la anke biċċa art f'Għawdex kellu. (14) Din għaddieha lil ibnu l-kbir ĠanBattist. (15) biex seta' jiġi ordnat saċerdot fl-1652, kif kienet l-użanza ta' dak iż-żmien. (16)

Tumas Dingli żżewweġ pjuttost kbir, ta' 40 sena, fl-1629, u baqa' joqgħod Ħ'Attard. Martu, Arġenta kienet ukoll kunjomha Dingli fi xbubitha u meta żżewġet wirtet il-parti tagħha ta' l-artijiet li kien ħalla missierha Bartolomew. (17)



TUMAS DINGLI (1591-1666) Il-perit tal-knisja ta' H'Attard

Kellhom sitt itfal, tlett subien u tlett ibniet, u bħalma ġa għidna, lil-kbir laħaq qassis, u baqa' jqaddes f'dan ir-raħal. Bħall-familja ta' missieru, il-familja ta' Dingli wkoll kienet imdaħħla sew fil-konfraternita' tar-Rużarju. Għalkemm ta' eta' avvanzata (63 sena ) Tumas Dingli ġie mitlub mill-konfraternita' biex jibni l-altar tar-Rużarju. Għalkemm ta' eta' avvanzata (63 sena) Tumas Dingli ġie mitlub mill-konfraternita' biex jibni l-altar tar-Rużarju fil-Knisja ta' Ħ'Attard fl-1655. (18) Dan ma kienx l-uniku altar tar-Rużarju li ħadem. Nafu żgur li ħadem dak ta' San Duminku r-Rabat u dak ta' Porto Salvo ġewwa l-Belt. (19)

Tumas Dingli miet fl-1666 fl-eta' ta' 74 sena. Fil-funeral tiegħu ħadu sehem il-mużiċisti tal-katidral ta' l-Imdina. (20) Hekk kien xieraq għal min kien ħadem f'tant knejjes.

Jingħad li l-aarkitettura hi l-aktar arti li hi milħuqa minn nies. Biex wieħed jara xi pittura jew xi skultura jkollu jmur f'xi post fejn tkun murija. Iżda l-bini narawh fit-triqat il-ħin kollu, nużawh u ngħixu fih. Tumas DIngli ħallielna monumenti sbieħ li wieħed jitgħaxxaq iħares lejhom. Forsi għalhekk li wara dawn il-mijiet ta' snin, in-nies għadha tiftakru. L-istudjużi ta'. l-istorja u l-periti jistudjaw ħidmietu. Iżda, n-nies, b'xi mod, forsi tradizzjonali, żammietu mhucx biss f'moħħha imma anke wkoll f'qalbha.

**Evelyn Pullicino**
**B.A. Hons (Hist)**


1. Arkivju Parrokkjali Attard (A.P.A.) "Liber Primus: Bapt. Matrim e Defunctorum"
2. A.P.A. "Liber d'Esito dei Procuratori della Canfraternita' del Santissimo Rosario" f.29, ff. 325-327, ff. 340-346.
3. Kurja l-Belt: Visitatio Pastoralis Pontremoli Vicario Generale 1634, f. 135
4. A.P.A., "Libero d'Esito ..." f. 96v
5. Arkivji Notarili, (a.N) R 488, vol 29 ff 551-552
6. A.N., R 505 Vol 30 ff 226v-227
7. A.N., R 505 Vol 30 ff 214v-215
8. A.N. R 505 Vol 30ff 226v-227
9. A.N. R 505, Vol 30 ff. 214v-215
10. Arkivju tal-katidral Mdina (A.K.M), CEM Ms 136 f.271
11. A.N. R335 Vol 20 ff 599v-600
12. A.N. R 505 Vol 30 f. 226v-227
13. A.N. R 505 Vol 14 f.814v
14. A.N. R 335, Vol 22, f. 27v
15. A.P.A "Liber Secondus" f.69v
16. A.K.M R.O 5 1635-1663 f.144
17. A.N R 39 Vol 49, f.1229v
18. A.N. R505 Vol 14 f.814v
19. A.N. R421 Vol 1, ff. 180v-181; R 476, Vol525, f.616v-617
20. A.P.A. Parti minn reġistru maqluh f.43


**Dan it-tagħrif kollu hu miġbur fit-teżi tiegħi li ġiet ippreżentata fl-Universita' ta' Malta fl-1977.**